**Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Diġitali - DIGIT**

Pubblikazzjoni ta' pożizzjoni vakanti għall-kariga ta' Direttur tas-CERT-EU (Grad AD 14)

(l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2023/10439

**Min aħna?**

Id-DIGIT jikkontribwixxi għat-trasformazzjoni u l-modernizzazzjoni tad-dipartimenti, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Kummissjoni lejn futur fejn kollettivament nistabbilixxu l-punt ta' riferiment għal amministrazzjonijiet moderni u effiċjenti, li jaħdmu aħjar flimkien.

Id-DIGIT għandu l-għan li jippożizzjona lill-Kummissjoni Ewropea bħala organizzazzjoni mmexxija mid-*data*, iċċentrata fuq l-utent u ċibersigura, billi jsegwi l-objettivi strateġiċi li ġejjin:

- Il-persunal jaħseb l-ewwel fil-qasam diġitali u jħaddan il-modi diġitali l-ġodda ta' ħidma u ta' kollaborazzjoni, filwaqt li jrawwem l-innovazzjoni
- L-aspett diġitali ta' kwalunkwe inizjattiva ta' politika jitqies mill-bidu u huwa bbażat fuq il-ħtiġijiet tad-*data* u tal-utenti
- It-trasformazzjoni tan-negozju hija appoġġata minn xenarju tal-IT simplifikat taħt Governanza tal-IT korporattiva effettiva
- L-infrastruttura tal-IT hija sigura, affidabbli, kosteffettiva u favur l-ambjent f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni
- Id-*data* u s-sistemi tal-Kummissjoni huma protetti sew u reżiljenti għall-attakki ċibernetiċi..

Il-missjoni tas-CERT-UE hija li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ambjent tal-ICT mhux klassifikat tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-uffiċċji u tal-aġenziji kollha tal-UE (il-"kostitwenti" tagħha), billi tagħtihom pariri dwar iċ-ċibersigurtà, billi tgħinhom jipprevjenu, jidentifikaw, jittrattaw, jimmitigaw u jirrispondu għall-inċidenti u jirkupraw minnhom u billi taġixxi bħala ċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni u tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà tagħhom.

Barra minn hekk, is-CERT-UE se jkollha rwol strateġiku biex tappoġġa lill-kostitwenti bl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà. Dan se jinkludi l-ħruġ ta' sejħiet għal azzjoni li jiddeskrivu miżuri urġenti ta' sigurtà, u l-proposta lill-Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà ta' dokumenti ta' gwida u rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-kostitwenti, bil-ħsieb li jikkontribwixxu għal-lonġevità tar-Regolament fil-qasam dinamiku taċ-ċibersigurtà.

**X'qegħdin nipproponu**

Il-pożizzjoni ta' Direttur tas-CERT-UE li jilqa' l-isfidi dejjem akbar relatati mal-missjoni tas-CERT-UE.

Il-kandidat magħżul se jmexxi task force ta' esperti taċ-ċibersigurtà bi kwalifiki għoljin f'kooperazzjoni mill-qrib mat-timijiet tekniċi tal-kostitwenti u taħt is-superviżjoni ta' bord ta' tmexxija interistituzzjonali. Huwa se jikkoopera mas-CERTs tal-Istati Membri tal-UE, jipparteċipa b'mod attiv fil-komunitajiet internazzjonali tas-CSIRT (Skwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati

mas-Sigurtà tal-Kompjuters) u se jagħmel użu minn għodod u servizzi pprovduti minn fornituri kummerċjali speċjalizzati.

Id-Direttur u t-task force tas-CERT-UE, li tinkludi madwar 50 membru tal-persunal, huma bbażati fi Brussell.

**X'qegħdin infittxu (kriterji tal-għażla)**

Il-kandidati għandu jkollhom:

**Kwalitajiet personali**

- ħiliet interpersonali b'saħħithom u l-kapaċità li jiżviluppaw u jżommu relazzjonijiet eċċellenti ma' servizzi oħra fil-Kummissjoni, ma' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-UE u mas-CERTs tal-Istati Membri;
- approċċ kooperattiv u favorevoli biex tinkiseb il-missjoni tas-CERT-UE f'kooperazzjoni mill-qrib ma' diretturi oħra fid-DIGIT;
- il-kapaċità li wieħed jikkomunika b'mod effiċjenti mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni; għarfien tas-sensittività tar-rwol u tal-implikazzjonijiet tiegħu fir-rigward tar-relazzjonijiet pubbliċi, kif ukoll sens qawwi ta' kunfidenzjalità, diplomazija u tattika;
- ħiliet analitiċi eċċellenti, u l-kapaċità li wieħed jidentifika l-kwistjonijiet ewlenin, jiżviluppa u jiġġenera għanijiet strateġiċi, u jsarrafhom fi proposti prattiċi għall-azzjoni;

**Ħiliet u esperjenza speċjalizzati**

- fehim u abbiltà ppruvati biex wieħed jindirizza l-isfidi li jiffaċċaw organizzazzjonijiet kbar matul proċess ta' trasformazzjoni diġitali;
- esperjenza ppruvata fil-qasam taċ-ċibersigurtà, is-sigurtà tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni b'komponent tas-sigurtà, inkluż fil-ġestjoni ta' ċentri operazzjonali taċ-ċibersigurtà u fis-servizzi tat-trattament tal-inċidenti (prevenzjoni, detezzjoni, mitigazzjoni u rispons);
- fehim tajjeb tal-politiki u l-għanijiet strateġiċi tal-Kummissjoni, kif ukoll tal-proċess ta' kif tieħu d-deċiżjonijiet; il-kapaċità li jiġu identifikati pjanijiet ta' azzjoni strateġiċi ta' livell għoli, b'mod partikolari minn perspettiva ta' ċibersigurtà;
- esperjenza fl-implimentazzjoni tal-politika taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE tkun ta' vantaġġ addizzjonali.

**Ħiliet ta' ġestjoni**

- esperjenza ppruvata fl-ippjanar u l-immaniġġjar effettivi tar-riżorsi umani (timijiet multinazzjonali, multilingwi u multikulturali kbar) u tal-baġits (b'mod partikolari, il-fehim tal-mudelli tal-kostijiet standard u l-mekkaniżmi tad-distribuzzjoni, ir-rappurtar u r-responsabbiltà tal-kostijiet);
- ħila fit-tmexxija u fil-kapaċità li jispira, jidderieġi u jimmotiva tim kbir u li jinbidel b'mod kostanti ta' professjonisti tal-IT u amministrattivi kompetenti ħafna; ħiliet maniġerjali eċċellenti u l-kapaċità li jmexxi organizzazzjoni orjentata lejn is-servizz, f'ambjent multikulturali;
- sfond ippruvat u esperjenza prattika fit-twettiq ta' proġetti kbar taċ-ċibersigurtà;

- esperjenza ppruvata fl-indirizzar tal-isfidi kkawżati minn modi ġodda ta' ħidma, kemm mill-perspettiva organizzattiva kif ukoll mill-perspettiva tal-implikazzjonijiet tagħhom għall-evoluzzjoni ta' superfiċi ta' attakk esposti għal theddid ċibernetiku.

**Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (rekwiżiti tal-eliġibbiltà)**

Il-kandidati se jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tal-għażla abbażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin, li jridu jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet**:

- Nazzjonalità: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- Lawrja jew diploma universitarja: il-kandidati jrid ikollhom:
  - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar;
  - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).
- Esperjenza professjonali: il-kandidati jrid ikollhom minn tal-inqas 15-il sena esperjenza professjonali [1]wara l-gradwazzjoni f'livell li l-kwalifiki msemmija hawn fuq jagħtu aċċess għalih.
- Esperjenza ta' maniġment: trid tkun inkisbet tal-inqas 5 snin esperjenza professjonali postgradwatorja f'funzjoni maniġerjali ta' livell għoli [2].
- Lingwi: il-kandidati jrid ikollhom għarfien sod ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[3] u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Il-bordijiet tal-għażla se jivverifikaw waqt l-intervista(i) jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista (jew parti minnha) ssir f'din il-lingwa l-oħra.
- Età massima: il-kandidati ma jridux ikunu laħqu l-età regolari tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tilħaq l-età ta' 66 sena (ara l-Artikolu 52(a) tar-Regolamenti tal-Persunal [4]).

**Għażla u ħatra**

---

[1] Esperjenza professjonali titqies biss jekk tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma reali definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati *pro rata* fuq il-bażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat ta' xogħol full-time li jkunu nħadmu. Il-leave tal-maternità/leave parentali/leave għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Il-PhDs huma assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta mhux imħallsa, iżda għal tul ta' massimu ta' tliet snin, sakemm il-PhD tkun tlestiet b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

[2] Fil-*curriculum vitae* tagħhom, il-kandidati jridu jindikaw b'mod ċar għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet esperjenza ta' maniġment: (1) it-titolu u r-rwol tal-pożizzjonijiet maniġerjali okkupati; (2) l-għadd ta' membri tal-persunal taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) l-għadd ta' livelli ġerarkiċi 'l fuq u 'l isfel; u (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

[3] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01958R0001-20130701&qid=1408533709461&from=MThttps://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701

[4] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701

L-għażla u l-ħatra jsiru skont il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tal-Kummissjoni Ewropea (ara: Dokument dwar il-Politika għall-Uffiċjali f'Kariga Għolja [5]).

Bħala parti mill-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord ta' preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq, u li jkunu jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord tal-preselezzjoni.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti ulterjuri mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (Consultative Committee on Appointments, CCA) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jkunu msejħa għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' valutazzjoni tal-maniġment immexxi minn konsulenti tar-reklutaġġ esterni. Abbażi tar-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, is-CCA jistabbilixxi lista preliminari tal-kandidati li jqis li jkunu xierqa biex jaqdu l-funzjoni.

Il-kandidati fuq il-lista preliminari tas-CCA jiġu intervistati mill-Membru(i) rilevanti tal-Kummissjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tieħu d-deċiżjoni dwar il-ħatra.

Il-kandidat magħżul irid ikun issodisfa kull obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari, jipproduċi referenzi xierqa tal-karattru dwar l-adegwatezza tiegħu għall-qadi ta' dmirijietu u jkun fiżikament f'saħħtu biex jaqdi dmirijietu.

Il-kandidat magħżul għandu jkollu ċertifikat validu ta' approvazzjoni tas-sigurtà mingħand l-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tiegħu, jew ikun f'pożizzjoni li jiksbu. Approvazzjoni tas-sigurtà personali hija deċiżjoni amministrattiva wara proċess ta' investigazzjoni tas-sigurtà mwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tas-sigurtà tal-individwu, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tas-sigurtà, u li tiċċertifika li individwu jkun jista' jingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa livell speċifikat. (Kun af li jista' jingħata bidu għall-proċedura meħtieġa biex tinkiseb approvazzjoni tas-sigurtà biss wara li ssir talba mill-impjegatur, u mhux mill-kandidat individwali).

Sakemm l-approvazzjoni tas-sigurtà personali ma tkunx għadha ngħatat mill-Istat Membru kkonċernat u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta bl-informazzjoni legalment meħtieġa mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-kandidat ma jkunx jista' jaċċessa Informazzjoni Klassifikata tal-UE (EU Classified Information, EUCI) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, u lanqas jattendi laqgħat li fihom tiġi diskussa tali EUCI.

## Opportunitajiet indaqs

F'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni Ewropea għandha objettiv strateġiku li tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-maniġment sa tmiem il-mandat attwali tagħha u tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs li tinkoraġġixxi l-applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu għal aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku ġenerali.

## Kundizzjonijiet tal-impjieg

[5] https://commission.europa.eu/jobs-european-commission/job-opportunities/managers-european-commission_en#documents (disponibbli bl-Ingliż biss)

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-kandidat magħżul jiġi rreklutat bħala uffiċjal fil-grad AD14. Il-kandidat jiġi kklassifikat skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fl-iskala 1 jew l-iskala 2 f'dan il-grad.

Il-kandidat magħżul għandu jinnota r-rekwiżit fir-Regolament tal-Persunal għall-persunal kollu ġdid li jwettaq b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Il-post tal-impjieg huwa Brussell, il-Belġju.

## Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati jridu jressqu dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jiddikjaraw kull interess li jista' jitqies bħala li jippreġudika l-independenza tagħhom.

## Informazzjoni importanti għall-kandidati

Il-kandidati huma mfakkra li x-xogħol li jwettqu l-bordijiet tal-għażla huwa kunfidenzjali. Huwa pprojbit li l-kandidati jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali ta' dawn il-bordijiet jew li xi ħadd jagħmel dan f'isimhom. Kull mistoqsija għandha tintbagħat lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

## Protezzjoni tad-*data* personali

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6]. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' dik id-*data*.

## Proċedura tal-applikazzjoni

Qabel tibgħat l-applikazzjoni tiegħek, għandek tivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà ("Kundizzjonijiet ta' ammissjoni"), b'mod partikolari dwar it-tipi ta' diploma, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, tiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk tkun trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fis-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw id-diversi stadji tal-proċedura:

https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jinżamm kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, nitolbuk tinforma lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

---

[6] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format PDF, preferibbilment fil-format tal-Europass CV[7], u timla ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, tirċievi email li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek tkun ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix email ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Ta' min jinnota li mhuwiex possibbli li timmonitorja l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Il-Kummissjoni Ewropea tikkuntattjak direttament rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

**L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bl-email ma jiġux aċċettati.** Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat email lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online tiegħek fil-ħin. Nagħtuk parir biex ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, billitraffiku qawwi tal-internet jew problema fil-konnessjoni tal-internet tiegħek dan jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek tiġi tterminata qabel ma tlestiha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' ddaħħal iktar *data*. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

**Data tal-għeluq**

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija l-**10/11/2023, 12.00 nofsinhar, ħin ta' Brussell**, u wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.

[7] Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online fuq: https://europa.eu/europass/en/create-europass-cv